**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR190425** **01.03.2019**

**STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ U L-UGWALJANZA**

***"Fid-dawl tal-avvanzi teknoloġiċi u l-evolviment fin-natura ta' ċerti impjiegi, il-flessibilità fil-ħin tax-xogħol tista' ssir in-norma u mhux l-eċċezzjoni" – il-Ministru Helena Dalli***

Il-Ministru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza Helena Dalli sostniet li bl-iżviluppi kontinwi fis-suq tax-xogħol, il-flessibilità fil-ħin tista' ssir in-norma u ma tibqax l-eċċezzjoni.

Qalet dan waqt attività dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali organizzata mill-MEUSAC u mill-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew f'Malta biex timmarka l-Jum Internazzjonali tan-Nisa.

Dwar il-flessibilità fil-ħin tax-xogħol Helena Dalli fissret li għalkemm mhux kull impjieg jippermetti li l-ħaddiema jaħdmu mid-dar jew 'il bogħod mill-post tax-xogħol, l-avvanzi teknoloġiċi u l-evolviment ta' ċerti impjiegi qed joffru lok għal aktar progress fit-tisħiħ tal-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol - bilanċ li l-gvern diġà beda jsaħħaħ biż-żieda ta' jumejn *leave* b'kumpens għall-festi li jaħbtu fi tmiem il-ġimgħa u miżuri oħra bħaċ-*childcare* mingħajr ħlas, l-*in-work benefit,* il-*breakfast club*, u l-*club 3-16* li inċentivaw ferm aktar nisa jidħlu fid-dinja tax-xogħol waqt li jsaħħu l-qagħda ekonomika tagħhom u ta' familthom.

Il-Ministru rreferiet għall-qbil politiku fuq livell Ewropew li ntlaħaq riċentament fuq id-direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Hawnhekk assigurat li bħalma jsir fi kwalunkwe traspożizzjoni oħra ta' direttivi Ewropej li jolqtu d-dinja tax-xogħol, il-gvern se jniedi taħdidiet fi ħdan il-bord tar-relazzjonijiet tal-impjieg biex id f'id mas-sħab soċjali, jiġi identifikat l-aqwa mezz kif nimplimentaw id-direttiva skont iċ-ċirkostanzi tas-suq lokali.

F'dan il-kuntest, Dr Dalli semmiet il-fond tal-*leave* tal-maternità li hu eżempju xieraq ta' djalogu soċjali li wassal biex tonqos jekk mhux tiġi eliminata d-diskriminazzjoni fuq ommijiet prospettivi li jkunu qed ifittxu impjieg. Semmiet ukoll l-introduzzjoni ta' ħamest ijiem *leave* tal-paternità għall-impjegati fis-settur pubbliku.

Dawn il-miżuri lkoll huma turija tad-direzzjoni politika li qed jagħti l-gvern favur il-ġustizzja soċjali. Direzzjoni li fi kliem il-Ministru qed iħaddnu aktar u aktar kumpaniji li kulma jmur qed itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati tagħhom tant li bosta qed joffru kundizzjonijiet aqwa mill-minimu stabbilit fil-liġi.

**Attachments: photos** 

**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**